**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 12 – IT-TNEJN, 13 TA' JANNAR 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 11**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet

1.2 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 11**

2.1 Dwar paragrafu 6.3, kien hemm diskussjoni. Kien hemm qbil li għandhom jiġu installati żewġ bozoz oħra fi Triq Wied Għollieqa.

2.2 Dwar paragrafu 6.1, kellha ssir site visit biex tiġi identifikata liema parti tal-bankina għandha tinbidel.

**3 Pagamenti Numru 11**

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm approvazzjoni wkoll il-petty cash għax-xahar ta' Diċembru.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.1 Ġie innutat li l-Kunsill iffirma l-kuntratt għall-fondi tal-kura tal-annimali stray. Dan il-kuntratt kellu jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nħareġ il-permess għall-proġett tal-Cart Ruts. Għandha tiġi fformulata BOQ mill-Perit tal-Kunsill u jinħarġu s-sejħiet.

4.3 Dwar Quarter 3 accounts, ġie innutat li kien hemm surplus tajjeb ħafna. Dan huwa l-ewwel 3 xhur ta' dan il-Kunsill. Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati dawn l-accounts, is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandha isir laqgħa mal-Perit dwar il-proġetti ta' Triq il-Propostru, Triq iż-Żebbuġ u Ġnien Ġorġ Zarb. F'dan il-meeting għandu jattendi s-Sindku, is-Sur Bonello Du Puis u s-Segretarju Eżekuttiv.

**5 Korrispondenza**

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar l-applikazzjoni għar-restawr tal-Kappella tal-Propostru. Ġie innutat li l-Kunsill ipprovda għat-talbiet tal-Bord tal-Għażla għall-aċċess ta' din il-kappella.

5.2 Kien hemm qbil li jinxtraw żewġ statwi tal-Madonna, waħda biex titbiddel li hemm fi Triq Donat Spiteri, minħabba li din hija mkissra u l-oħra biex issir mill-ġdid fi Triq il-Kappella. Għandha tinxtara waħda din il-ġimgħa biex tinbidel fi Triq Donat Spiteri.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar korrispondenza li hemm fejn il-Maltaco qed jitolbu li IM biex il-banka tal-lottu li hemm fi Triq il-Mensija ssir aktar ’il fuq kantuniera ma’ Triq il-Qasam. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu joġġezzjona fuq din.

5.4 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir fil-11 ta' Frar 2020 fl-Urban Valley Resort.

5.5 Kien hemm diskussjoni dwar l-interviews li saru għal post ta' Clerk mal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li tintgħażel il-kandidata Nicole Talbot. Kien hemm qbil li terġa’ tinħareġ sejħa għat-tieni post vakant peress li l-kandidati l-oħra ma ntgħażlux mill-Bord.

5.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għall-Iskema tal-Achievers.

5.7 Ġiet innutata ittra li intbagħtet lil waħda mill-ħaddiema tal-Kunsill dwar nuqqas ta' attendenza. Dan wara parir legali mill-Avukat tal-Kunsill.

5.8 Kien hemm diskussjoni dwar il-kuntratt tal-knis. Dan għandu jinħareġ fi żmien qasir. Kien hemm qbil li jitwaqqaf il-kuntratt li hemm ma’ Twish Co Ltd u minflok jitqabbad is-Sur Shawn Borg bħala servizz ta' emerġenza sakemm jiġi awarded il-kuntratt il-ġdid.

6.45pm Kien hemm waqfa ta’ 15-il minuta.

5.9 Kien hemm qbil li l-Car Show issir fit-28 ta' Ġunju 2020. Għandhom jibdew il-preparamenti.

5.10 Kien hemm qbil li l-Kunsill jorganizza attivitajiet tal-karnival. Id-data u l-ħin ta' din l-attività għandha tiġi kkomunikata aktar tard.

5.11 Il-Kunsill innota li IM ikkomunikat li għandhom isiru t-Toroq G Despott u San Franġisk bit-tarmac mill-ġdid.

5.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku għandu jieħu sehem fil-Parlament tas-Sindku fid-29 ta' Jannar 2020.

## 6 Performance Appraisals

**6.1** Kien hemm diskussjoni dwar il-ħidma tal-istaff tal-Kunsill matul is-sena 2019. Ġie innutat li matul din is-sena kien hemm staff shortages u għalhekk l-impjegati kellhom jaħdmu taħt aktar pressjoni ta' xogħol. Kien hemm qbil li dawn l-staff jieħdu l-performance allowance sħiħa, Nadia Fenech, Janika Baldacchino, Deborah Pace, Antoine Attard u Celine Borg, 6% u s-Segretarju Eżekuttiv 10%. Kien hemm qbil unanimu li għalissa d-deċiżjoni għal performance allowance ta' Doreen Polidano ma jsirx minħabba n-nuqqas ta' attendenza tagħha.

## 7 Affarjiet Oħra

7.1 Is-Sur Joe Aquilina tkellem fuq skema għal bicycle stands fil-lokal. Tkellem ukoll fuq sprall baxx fi Triq Reġjonali, biex isiru żewġ tabelli No Heavy Vehicles fi Triq Lantana. Hu tkellem ukoll dwar possibbiltà li ssir xi forma ta' PPP għall-mitħna taħt l-art.

7.2 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm bżonn numru ta' patching, għandha ssir tabella ta' vleġġa faċċata tal-Kappella Santa Margerita. Hu ġibed għall-attenzjoni li l-maltemp għamel ħafna ħsara lil Christmas trees tal-Kunsill.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.55pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 27 ta' Jannar 2020 fil-5.30pm.

______________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________

**Trevor Fenech**
**Sindku**